# *Għajnsielem u l-Personaġġi Storiċi*

## Il-Kmandant Bernardo Macedonia






Ir-raħal ta' Għajnsielem kien imħares sew mit-taqbid tal-għedewwa minn tliet torrijiet. Min-naħa tal-grigal, ix-Xatt kellu t-torri ta' Garzes u mill-punent, ir-raħal għad baqagħlu sal-lum it-torri ta' Mġarr ix-Xini. Fin-nofs kellu, anzi għad għandu, l-*watch-tower* imlaqqam it-torri ta' Santa Ċeċilja, li aktarx hu msejjaħ hekk minħabba kappella li għadha wieqfa qribu, dedikata lil Santa Ċeċilja Verġni u Martri. It-torri ta' Santa Ċecilja nbena fl-1613 mill-Kmandant Kavallier Bernardo Macedonia.

Barra mill-Belt-Fortizza Chambray, fortizza li kienet armata tajjeb, u t-torrijiet li semmejt aktar il-fuq fil-limiti ta' Għajnsielem, kienu jinsabu fortifikazzjonijiet oħra: Il-batterija Gironda, li skont l-istoriku Għawdxi Mons. Joseph Bezzina, ħadet dan l-isem għax ġiet mibnija grazzi għall-ġenerożità tal-Balliju Irando Gironda. Batterija oħra hi dik imsejħa *Bourlamaque Entrenchement* fuq il-Blata l-Bajda u t-tielet hekk imsejħa *Fougasse* ħdejn it-torri Garzes.

*Dun Karm Cassar*

